TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Joe Montesin**

**Vs**

**Melita Limited**

**CCT 63/24/MM**

**Illum,** 5 ta' Awwissu 2026

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-Talba li permezz tiegħu r-rikorrent talab il-ħlas tas-somma globali ta' seba' mija u tmienja u tletin ewro (€738);

Ra r-risposta tas-soċjetà intimata, il-kuntratt, il-kundizzjonijiet tas-servizz, il-fatturi, l-avviżi ta' arretrati, il-korrispondenza u d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lir-rikorrent bil-ġurament u qies il-provi u s-sottomissjonijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidra**

Ir-rikorrent jgħaqqad taħt is-somma ta' €738 diversi ilmenti fosthom allegati interruzzjonijiet jew tnaqqis fis-servizz tal-internet; sospensjoni jew skonnessjoni; ħlasijiet fuq il-kont; nuqqas allegat ta' rċevuti fiskali; u inkonvenjent jew ansjetà. Madankollu, meta ġie mistoqsi sabiex jispjega kif inħadem l-ammont, huwa ma setax jagħti kalkolu u qal li s-somma kienet ġiet indikata mill-avukat tiegħu.

It-Tribunal ma jistax jissostitwixxi ruħu għall-parti u joħloq hu stess talba jew kalkolu ġdid. Il-ġustizzja sostantiva prevista fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 378 ma tfissirx li jista' jingħata ammont arbitrarju. Kull kap ta' talba għandu jkun identifikat, kwantifikat u marbut ma' ksur u dannu ppruvati.

Illi l-artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jqiegħed il-piż tal-prova fuq min jallega fatt, filwaqt li l-artikolu 559 jitlob l-aħjar prova li l-parti tista' tipproduċi. F'kawżi ċivili japplika l-bilanċ ta' probabbiltajiet. Fil-kawża **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 24 ta' Novembru 1966, ġie affermat li, quddiem konflitt fil-provi, il-ġudikant għandu jqis il-konsistenza, il-kredibbiltà u l-verosimiljanza tal-verżjonijiet.

F'dan il-każ, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar qtugħ intenzjonat tas-servizz jew manipulazzjoni mill-impjegati tal-intimata ma ġewx korroborati minn evidenza teknika, xhud indipendenti jew dokument. Suspett, anki jekk ġenwin, ma jissostitwixxix prova.
Il-provi juru li r-rikorrent għamel diversi kuntatti u li saru żjarat tekniċi, sostituzzjoni ta' apparat jew cable u investigazzjonijiet. Dan juri li kien hemm ilmenti, iżda mhux neċessarjament ksur imputabbli lil Melita. Ma ġiex prodott rapport tekniku indipendenti, kronoloġija ta' testijiet tal-veloċità jew prova tal-kawża ta' kull interruzzjoni.

**Ikkunsidra**

L-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 jippermetti lit-Tribunal, f'każ xieraq, jagħti kumpens limitat għal uġigħ, tbatija, ansjetà u inkonvenjent. Dan ir-rimedju mhuwiex awtomatiku. Jippresupponi nuqqas imputabbli lill-kummerċjant u rabta bejn dak in-nuqqas u l-inkonvenjent. Billi r-rikorrent ma pprovax il-ksur bażiku li fuqu jibni t-talba, ma hemmx bażi għall-għoti ta' kumpens morali.

Il-prinċipju ta' imputabbiltà ġie enfasizzat fil-kawża **Dorianne u Alex Mangion vs Mondial Holidays**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 6 ta' Ġunju 2008, fejn il-Qorti ċċarat li kummerċjant ma għandux jiġi kkundannat għal konsegwenza li ma tkunx legalment imputabbli lilu. L-istess japplika hawnhekk: l-eżistenza ta' frustrazzjoni jew diffikultajiet ma tippermettix kundanna mingħajr prova tal-kawża, ir-responsabbiltà u l-quantum.

It-Tribunal ma jiddubitax li r-rikorrent ħassu frustrat u li r-relazzjoni mal-fornitur kienet diffiċli. Madankollu, il-kompitu tat-Tribunal huwa li jiddeċiedi fuq il-provi. Is-somma ta' €738 ma ġietx spjegata u ma ġiex ippruvat ħlas indebitu jew dannu patrimonjali speċifiku.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jiċħad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Avv. Dr Martha Mifsud**
**Arbitru**